Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri - Ghawdex)

Imhallef Anthony Ellul

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2016.

Appell 11/2010/1

**Anton Camilleri** **(appellat)**

**Vs**

**R.G.A. Trading Partnership** **(appellant)**

L-attur harrek lill-konvenuta sabiex thallsu s-somma ta' €8,260, prezz ta' *circular saw blade* li xtara minghandha u li ghandha difett mohbi li jirrendiha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hi ntiza u li jnaqqas il-valur taghha b'mod li ma kienx jixtriha li kieku kien jaf bid-difett.

Il-konvenut wiegeb li mhijiex difettuza.

B'sentenza tad-19 ta' April 2016, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet l-eccezzjoni u filwaqt li ddikjarat li s-*circular saw blade* kellha difett mohbi, ikkundannata thallsu s-somma ta' €8,260. L-ewwel qorti osservat:

*"Mil-lat legali fil-kawza fl-ismijiet Reuben u Maria Tania konjugi Briffa vs. Joseph u Mary konjugi Mallia, datata 28 ta' Frar, 2002 (PA RCP) inghad kif isegwi:*

*'Illi fil-fatt l-azzjoni redhibitoria jew aestimatoria taghti garanzija lix-xerrej ghal difett latenti jew mohbi ezistenti* ***fil-mument tal-bejgh*** *fl-oggett mertu tal-bejgh u xiri . .'*

*Illi jekk din il-Qorti thares lejn il-mument tal-bejgh tas-sega li f'dan il-kaz huwa l-mument li din giet konsenjata lill-attur jirrizulta mill-fatti suesposti li s-sega in kwistjoni bix-xfafar ta' daqs 12.5mm ma hadmitx sew u dan kien wara li s-sega giet armata fil-post mhux mill-attur izda minn Emanuel Rotin li z-zewg partijiet kienu konoxxenti tieghu u jidher li kienu jafdaw fl-operat tieghu. Jirrizulta wkoll li bix-xfafar ta' daqs ta' 16mm li gew provduti lill-attur mis-socjeta' konvenuta fil-perjodu ta' sitt xhur mill-konsenja tas-sega l-istess sega xorta wahda ma hadmitx sew. Din kienet is-sitwazzjoni li sab ruhu fiha l-attur meta kellu jiddeciedi jekk jintavolax il-kawza odjerna fil-perjodu ta' sitt xhur impost mil-ligi. Sa dak il-mument din il-Qorti tqis li l-attur ma kellu l-ebda tort li jqis li s-sega konsenjata lilu ma kinitx tajba ghall-uzu li ghalih kienet intiza tant li ghalkemm ghamel diversi tentattivi din baqghet ma setghetx tintuza. Ghalhekk fil-mument tal-bejgh u anki sa sitt xhur wara l-attur ma tpoggiex fil-*

*posizzjoni li juza s-sega in kwistjoni ghall-uzu li kienet intiza ghalih.*

*Irrizulta wkoll fil-mori tal-process li l-fatt li s-sega in kwistjoni ma tahdimx sew bix-xfafar ta' daqs ta' 16mm rega' gie wkoll konfermat fl-ewwel rapport peritali filwaqt li fit-tieni rapport peritali dawn ma gewx ippruvati. Kien biss f'uhud mill-okkazzjonijiet fejn gew ippruvati x-xfafar ta' daqs 20mm li s-sega hadmet tajjeb ghalkemm kien hemm ukoll zewg istanzi fejn din ma hadmitx. Dawn ix-xfafar izda ma kienux gew suppliti lill-attur fil-mument tal-bejgh u sahansitra lanqas fil-perjodu ta' sitt xhur konsegwenti. Ghalkemm fl-atti din il-Qorti ghandha dikjarazzjoni tal-periti perizjuri li tghid li s-sega hija t-tajba ghall-iskop intiz meta wzata bix-xfafar ta' daqs 20mm, fl-atti ma ghandha l-ebda dikjarazzjoni simili relatata ghall-uzu tas-sega bix-xfafar ta' daqs 16mm filwaqt li x-xfafar izghar ta' 12.5mm suppliti mal-istess sega jidher li qatt ma gew pruvati mill-periti teknici izda meta wzahom l-attur fil-perjodu tas-sitt xhur is-sega ma hadmitx sew u kellha titwaqqaf.*

*Minn dak kollu suespost u in vista tal-provi u r-relazzjonijiet teknici prodotti lilha l-Qorti tikkonkludi li s-sega in kwistjoni fil-mument li giet konsenjata lill-attur bix-xfafar ta' daqs 12.5mm u wkoll bix-xfafar ta' daqs 16mm suppliti fil-mori tas-sitt xhur konsegwenti ghall-konsenja kienet affetta minn difett mohbi li jirrendiha mhux tajba ghall-uzu li ghalih kienet intiza mill-attur u cioe' tqattiegh ta' blat fil-barriera permezz tal-magna tieghu tant li baqa' qatt ma seta' juzaha f'dan il-perjodu qabel infethet il-kawza.*

*Il-Qorti tinnota in oltre li l-fatt li kien hemm okkazzjonijiet fejn is-sega in kwistjoni snin wara li din inxtrat hadmet darbtejn sew bix-xfafar ta' 20mm, darba minnhom sahansitra wara li sar 'setting' taghha minn persuni professjonali li ovvjament ma jkunux fuq il-lant tax-xoghol fil-barriera kuljum, xejn ma jnaqqas mill-fatt li fil-mument li din giet konsenjata lill-attur din ma kinitx tajba ghall-uzu li kienet intiza ghalih tant li bl-ebda mod ma qdiet il-bzonnijiet tal-attur.*

*Il-Qorti tinnota wkoll li n-nuqqas ta' esperjenza tas-socjeta' konvenuta fil-prodott in kwistjoni jidher li seta' wassal ghad-dewmien sabiex l-istess socjeta' tifhem x'kienet il-problema sabiex finalment din is-sega jirnexxielha tilhaq l-iskop li kienet inxtrat ghalih, dan izda ma jfissirx li d-dewmien legalment kien gjustifikat. Ukoll semplici access fuq is-sit tal-attur mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta u analizi tal-modus operandi tal-attur qabel ma giet ordnata s-sega in kwistjoni seta' jaghti hafna nformazzjoni lis-socjeta' konvenuta fid-decizjoni ahharija dwar l-oggett li kellu jigi ordnat fic-cirkustanzi kollha (nkluz id-daqs tax-xfafar) u cioe' tqattiegh ta' blat f'barriera, b'magna partikolari wzata fuq 'railings' partikolari, izda s-socjeta' konvenuta naqset milli taghmel dan. Dan in-nuqqas ukoll jidher ukoll li seta' wassal ghal dewmien inaccettabbli sakemm din is-sega finalment irnexxielha tithaddem darba, l-aktar darbtejn b'success. Dan izda ma sehhx mal-konsenja u lanqas fis-sitt xhur konsegwenti ghall-istess izda snin wara u bi xfafar li ma kienux a disposizzjoni ta' l-attur mal-konsenja u lanqas fis-sitt xhur sussegwenti. Zgur li ma jistax jigi pretiz li xerrej jistenna snin shah sabiex oggett li jkun xtara jibda jservi l-iskop li ghalih inxtara".*

## **<u>Aggravji</u>**.

1. L-attur kellu l-oneru li jipprova li l-blade hi difettuza.
2. Il-blade m'hijiex difettuza.
3. L-ewwel qorti skartat l-opinjoni tal-periti addizzjonali.

L-attur wiegeb permezz ta' risposta li pprezenta fit-30 ta' Mejju, 2016 (fol. 400) fejn spjega ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

Quddiem din il-qorti saret trattazzjoni u l-qorti qrat l-atti.

**Fatti.**

1. F'Marzu 2010, l-attur xtara minghand il-konvenuta *circular saw blade* 2.2m biex juzaha ghall-qtugh tal-blat f'barriera. Il-prezz kien ta' €8,260 li thallas.

2. L-attur jilmenta li din l-ghodda bdiet titghawweg, *"…. fis-sens li jew tibda tehel jew inkella taqta' l-gebel hazin. Dan id-difett jirrendi l-istess circular saw blad mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija ntiza u jnaqqas il-valur b'mod li kieku l-esponenti kien jaf b'tali difett huwa ma kienx jixtriha"* (ara nota tal-20.10.2016, fol. 8).

3. L-attur harrek lill-konvenuta sabiex thallsu lura l-prezz ta' €8,260 ghaliex isostni li l-ghodda ghandha difett mohbi. Min-naha l-ohra l-konvenuta ssostni li l-ghodda ma fihjiex difett latent izda *"uzu hazin ta' circular saw blade min-naha tal-attur."* (fol. 7).

**Konsiderazzjoni.**

1. L-attur ippropona l-*actio redhibitoria*[1]. Skont l-Artikolu 1424 tal-Kodici Civili, il-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux li jaghmlu l-oggett mhux tajjeb ghall-uzu mahsub jew inaqqsu l-valur tieghu li x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar.

2. Difett ikun fil-materjal li jkun intuza ghall-manifattura tal-oggett jew fil-mod kif ikun gie manifatturat.

3. B'digriet moghti fl-4 ta' Marzu, 2011 l-ewwel qorti kienet inkarigat lill-inginier Emanuel Scerri sabiex, *"… jirrelata bil-miktub dwar jekk hijiex difettuza u jekk hijiex adattata ghax-xoghol li ghalih inxtrat mill-attur"*. Il-perit tekniku kkonkluda li:

   3.1 Il-lupa kienet manifatturata minn ditta serja;
   3.2 Is-sega tahdem sew meta t-tolleranzi tal-magna li din tahdem fuqha jkunu tolleranzi zghar hafna. Dawn normalment jintlahqu meta l-lupa tkun armata fuq magni sofistikati gewwa fabbrika f'kontroll strett;
   3.3 Il-lupa giet ordnata sabiex tintuza fil-qtugh tal-blat f'barriera. Il-magna li tintuza ghal dan ix-xoghol tintrama fuq rails fejn it-tolleranzi huma kbar ghal dak li jirrigwarda l-inginerija. Pero' l-lupa m'hijiex flessibbli biex tittollera dawk it-tip ta' tolleranzi;

---

[1] Fatt konfermat mill-attur stess fit-twegiba (fol. 402).

3.4 Il fatt li l-magna timxi fuq *rails*, ifisser moviment laterali u caqliq mal-linja vertikali waqt li l-lupa tkun qeghdha taqta' t-trinka. Il-konsegwenza hi li l-*blade* tishon u titqammar;

3.5 It-tolleranzi mehtiega sabiex il-lupa tkun tista' tahdem jkomplu jintilfu meta wiehed iqis wicc il-barriera li mhux kompletament catt, izda jvarja minn post ghall-iehor fejn jitpoggew ir-rails li fuqhom tithaddem il-magna;

3.6 Il-*blade* ma hadmitx tajjeb meta giet armata bi snien ta' 16mm u lanqas bi snien ta' 20 mm, hlief meta kienet mghobbija bl-ilma;

3.7 **Konkluzjoni** – *"Ghaldaqstant nikkonferma wara li studjajt sewwa l-kaz, li l-lupa mixtrija ma tilhqax l-aspettativi tal-attur, u ma hijiex tajba biex tahdem fuq magna ta' tqattigh tal-gebel tal-franka gewwa barriera."*

4. Meta saret l-eskussjoni tal-perit tekniku, ikkonferma li:

4.1 Ir-rails jitpoggew fuq wicc il-blat. Dawn huma mahdumin b'mod artiganali.

4.2 *"Din il-blade qeghdha taqta', u qeghdha taqta' perfetta. Issa sabet li r-rails mhumiex qeghdin kif suppost. F'daqqa wahda mela l-magna obdiet ir-rails u tghawwget".*

4.3 *"Jekk it-tolleranzi u r-rails jitpoggew kif suppost, il-blade ghandha tahdem…. Pero' ghidt ukoll li f'barriera dawn it-tolleranzi mhumiex possibbli li tilhaqhom. Ghalhekk ghidt li jekk thaddimha kif suppost, il-blade ghandha tahdem sewwa. Imma fil-barriera dan ma jintlahaqx…. Dan fit-triq ukoll ghandek tolleranzi fil-wicc tat-tarmac, jigifieri f'barriera ghandek it-tolleranzi wkoll."*

4.4 *"Minhabba c-cirkostanzi li diga' semmejna, il-kundizzjonijiet li jahdmu fihom, sew il-magna u sew il-lupa, ma humiex ottimali ghall-precizjoni. Anke l-elementi, jigifieri s-shana tax-xemx, xita jew il-kesha jaghmlu differenza kbira fuq dan id-dijametru tal-lupa waqt ix-xoghol. Sew il-lupa u sew il-magna, ghandu jkollhom allowance ghal dan in-nuqqas ta' precizjoni biex tahdem gewwa barriera."* (fol. 152).

5. Il-konvenuta talbet li jinhatru perit addizzjonali, u b'digriet tas-6 ta' Dicembru, 2013 il-qorti laqghet it-talba. Il-periti addizzjonali kkonkludew:

*"5.1 The circular saw supplied by RGA Trading is fit for purpose and can produce limestone blocks of the required quality and at least at the same speeds attained with the blades being used at present.*

*5.2 Within the submitted court file, the undersigned found no technical documentation submitted by plaintiff which stipulate blade width. Thus from a technical point of view, the*

*width of the blade should not be used as a criteria to establish whether or not the circular saw blade meets the plaintiff's specification."*

Fil-prezenza tal-periti addizzjonali tqatta' blat permezz tal-lupa oggett tal-kawza. Jirrizulta li fl-ewwel tentattiv wara li ntuzat ghal tul ta' 6.8 metri, il-magna twaqqfet ghaliex *"... it became apparently unsafe due to excessive overheating and vibrations..... "* (fol. 240)[2]. Wara li saru aggustamenti (ara paragrafu 3.3.4 tar-rapport, fol. 246) rega' sar tentattiv. Din id-darba:

*"4.6 After re-setting the blade through pillow block bearings of the cutting machine drive shaft, figure 78, the circular saw blade was aligned parallel to the outward rail track. On applying such settings, which are normal engineering practices, the kerf produced was of 20mm. The latter corresponding exactly to the width of the srping teeth used Figure 115.*

*4.7 As can be seen from the table below the average cutting speed used with blade number 2 was higher than that used for blade 1....*

*4.8 With the new settings, 4 furrows each of 20.2m in length were chased out, as opposed to 3 furrows of the same length, cut by the circular saw blade number 1. In spite of the higher speeds and longer runs it was evident to all present, that no vibrations or overheating were manifested after cutting 80.8m.*

*4.9 It is noted that the misalignment highlighted in section 3.3.3 also influenced peformance with blade number 1. This is indicated by the angular measurement recorded in Table 4 and width of kerf.*

*4.10 As mentioned above the width of cut was 40mm with blade number 1 and 20mm with the blade supplied by RGA Trading. This corresponded to a 1.7% saving of material."*

6. Hu evidenti li meta ntuzat il-*blade* fil-prezenza tal-periti addizzjonali, fl-ewwel test il-problema nholqot minhabba li ma sarx *setting* tal-magna u *alignment* tal-*blade* kif suppost. Meta dan l-ezercizzju sar kif suppost, il-blade qattghet blat ghal tul ta' 80.8 metri, minghajr problemi[3]. Fil-fehma tal-qorti din hi prova li s-*circular saw blade* oggett tal-kawza, m'hijiex difettuza. Il-logika wkoll tghidlek li kieku l-*blade* kienet difettuza, f'din it-tieni darba kienet ukoll taghti l-problemi li gew riskontrati fl-ewwel prova li saret quddiem il-periti addizzjonali, cjoe' *'excessive vibration and overheating'.* Hu veru li l-ewwel perit tekniku kiteb: *"Jidher ukoll li s-sega ghandha tahdem sewwa meta t-tolleranzi tal-magna li tahdem fuqha jkunu tolleranzi zghar hafna. Dawn normalment jintlahqu meta l-lupa tkun armata fuq magni sofistikati gewwa fabbrika b'kontroll strett"* (fol. 110). Pero' hu evidenti li meta l-affarijiet saru

[2] Fil-parti tar-rapport addizzjonali bit-titlu "4 Findings & Observations" jinghad: *"4.4 The first attempt with the circular saw blade supplied by RGA Trading was stopped due to excessive vibration and overheating. The width of keerf generated was of 28mm as opposed to the fitted 20mm width spring teeth. Figure 70 refers."* (fol. 268).

[3] Sahansitra, fit-18 ta' Novembru 2011 kien tqatta' blat fil-prezenza tal-ewwel perit tekniku u jidher li s-sega ma tatx problemi (ara fol. 105-106).

bil-mod deskritt f'paragrafu 3.3.4[4], ma kienx hemm problemi u l-*blade* oggett tal-kawza kienet konsiderevolment iktar efficjenti minn dik li qieghed juza l-attur[5]. L-ewwel perit tekniku stess qal in eskussjoni li l-*blade* taqta *'perfetta'*, izda sab li r-rails ma tpoggewx kif suppost (fol. 133). Kompla jghid, *"Ghalhekk ghidt li jekk thaddimha kif suppost il-blade ghandha tahdem sewwa."* (fol. 134). Il-perit tekniku veru kkonkluda li, *"l-lupa mixtrija ma tilhqax l-aspettativi tal-attur, u ma hijiex tajba biex tahdem fuq magna ta' tqattigh tal-gebel tal-franka gewwa barriera",* madankollu dan ma jfissirx li l-*blade* hi difettuza. Jekk ghall-grazzja tal-argument kellha tigi accettata din l-opinjoni bhala prova, il-perit tekniku ma qalx li l-magna hi difettuza izda li ghat-tip ta' magna li ghandu l-attur u l-uzu li jrid isir minnha, il-*blade* m'hijiex adattata. F'kull kaz, mit-test li sar mill-periti addizzjonali rrizulta li fil-fatt il-blade hi adattata biex tintuza ghall-iskop li ghalih inxtrat dment li jsir *setting* tal-magna u *alignment* tal-*blade* kif suppost.

7. Ghal dak li jirrigwarda s-snien ta' 12.5mm, mill-provi ma jirrizultax li l-attur talab ghal xi daqs partikolari ta' snien. M'hemmx prova li qatt sar tqattih bi snien ta' dak id-daqs. Fit-twegiba, l-attur qal: *".... is-sega de quo kienet giet konsenjata bi snien ta' 12.5mm izda, qabel ma saret il-kawza, is-socjeta' appellanti kienet issostitwiet is-snien originali b'ohrajn ta' 16mm, bl-accettazzjoni tal-esponenti."* Il-qorti fehmet li sar tqattih bi snien ta' 16mm, u skond l-attur il-blade bdiet tishon u titghawweg. Wara s-snien inbidlu ghal daqs ta' 20mm. Fit-twegiba l-attur qal li, *"... qatt ma accetta li s-sega de quo kellha tigi armata bi snien ta' 20mm"* (fol. 403). Il-qorti ma temminx. Li kieku ma kienx hemm il-kunsens tal-attur, fuq il-*blade* ma kienx ser ikun hemm snien ta' dak id-daqs. Inoltre, il-perit Agius xehed: *"Wara saret laqgha fl-ufficcju tieghi. Kien hemm Rotin u Anton Camilleri. Ftehmna li ngibu springteeth uza. Din id-darba pproponejt 20mm. Anton Camilleri qabel mieghi. Dawn ordnajthom. Fil-gurnata li waslu, waslitli t-tahrika tal-Qorti. Regghu baghtuhomli b'xejn mid-ditta ta' barra. Anton Camilleri ridhom biex jipprovahom."* (fol. 32). F'kull kaz id-daqs tas-snien ma kellux ikun problema ghaliex f'din it-tip ta' *circular saw blade*, is-snien jinbidlu.

Fit-twegiba l-appellat qal ukoll:

*"iv. Is-semplici fatt li s-socjeta' appellanti pprovat tirrimedja ghad-difett riskontrat billi tinstalla snien uza minn dawk konsenjati, l-ewwel bi snien ta' 16mm, u sussegwentement bi snien ta'*

---

[4] Process li l-qorti fehmet li ma jehtiegx xi *expertise* sabiex isir. Il-perit addizzjonali ddiskrevew l-intervent bhala *'normal engineering practices'*.

[5] Sahansitra l-periti addizzjonali osservaw ukoll, *"4.12 We have found pieces of steel plates instead of proper liners, being used as shims, to adjust and align the pillow block bearings. This is not good engineering practice. It is hereby being recommended that brass shims are used and fabricated as per industry trade requirements."* (fol. 270). Nuqqas li hemm fil-magna tal-attur.

*20mm, juri li **d-difett jinsab fil-wisa' inadegwata tas-snien** u mhux fis-setting tal-magna. Altrimenti, is-socjeta' appellanti kienet tinsisti biss li jitranga s-setting tal-magna minghajr ma jinbidlu s-snien."*

Dan mhuwiex argument b'sahhtu meta tqis li meta xehed l-attur fl-ebda hin ma lmenta mid-daqs tas-snien, izda qal: ***"Is-sega d-difett illi ghandha hu li mhijiex imtaqqba u lanqas hi maqsuma."*** (fol. 14). Ix-xhieda li ressaq (Rotin u Galea) qatt ma qalu li s-snien huma difettuzi. L-ilment tal-attur ma kienx fuq id-daqs tas-snien izda l-*blade* nnifisha. Kien biss wara l-access li sar mill-perit addizzjonali, li l-attur talab ghall-ewwel darba biex isir test iehor bi snien ta' daqs 12.5mm ghaliex beda jsostni li l-bejgh sar bi snien ta' dak id-daqs. Talba li giet michuda mill-qorti. Hawn ukoll hemm kontradizzjoni bejn dak li ddikjara fir-rikors tal-10 ta' Settembru 2014 u dak li qal f'paragrafu (ii) tat-twegiba tal-appell. F'kull kaz, m'hemmx provi li s-snien huma difettuzi. Sahanistra lanqas l-ewwel perit tekniku ma esprima l-opinjoni li hemm difett fis-snien. Inoltre, hu maghruf li:

*"meta l-kwestjoni tkun qeghda taggira ruhha fuq il-kwalita' tal-haga mibjugha, il-vizzju redibitorju u t-teorija relattiva mhumiex applikabbli, precizament ghaliex f'dawn il-kazijiet l-ezami ghandu jaggira ruhu fuq l-ewwel obbligazzjoni tal-venditur li ghandu jaghti l-haga skond il-kwalita' miftehma u f'kundizzjoni li kienet waqt il-bejgh, u presumibilment fi stat tajjeb, mentri fil-kaz tal-vizzji redibitorji **ma jkunx hemm l-ebda kwestjoni fuq il-kwalita' tal-haga izda x-xerrej jippretendi illi ghalkemm l-oggett huwa effettivament tal-kwalita' miftehma, izda ghandu go fih vizzju okkult li jirrendih ghalih inutili"*** (**Carmelo Xuereb -vs- Nazzareno Azzopardi**, Appell Kummercjali, 21 ta' Gunju, 1943).

Rilevanti wkoll hi s-sentenza **Giovanni Sammut vs Philip A. Grima**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-7 ta' Ottubru, 1954. Il-kaz kien dwar tpartit ta' zewg muturi, u l-ilment kien dwar is-sahha tal-mutur konsenjat mill-konvenut. Il-qorti qalet li l-vizji,

*"…. **huma dawk inerenti ghall-mod imperfett kif il-merci giet fabbrikata, valjata, imballata, kustodita**. **Il-merci ghandha tigi rikonoxxuta vizjata jew difettuza meta tigi fiha verifikata xi devjazzjoni mill-istat taghha ordinarju u normali** li minnu tkun tiddependi l-attitudni taghha ghall-uzu li ghalih, bin-natura taghha, hija destinata, u ghalhekk vizju, jew difett, hija kull anormalita' jew imperfezzjoni u kull gwast jew avarija illi fil-haga tigi riskontrata li tnehhilha, jew tnaqqsilha l-attitudni ghall-uzu, jew il-bonta u l-integrita', u kwindi, biex il-haga tkun difettuza irid ikun jonqsilha xi haga biex tkun tista' tezisti b'mod pjenament konformi ghan-natura taghha, **u biex tkun vizjata irid ikun hemm fiha xi alterazzjoni li minhabba fiha l-haga ma tkunx kif normalment ghandha tkun**."*

L-ilment tal-attur dwar il-hxuna tas-snien m'ghandu x'jaqsam xejn l-azzjoni redibitorja, li hi l-azzjoni li ppropona l-attur. Dan apparti li wara l-ezercizzju li sar mill-periti addizzjonali *'adjusting for vertical twist'* (fol. 246), il-qorti hi tal-

fehma li m'hemmx provi cari li snien ta' 16mm m'humiex addattati biex jaqtghu l-blat.

L-attur argumenta wkoll li snien ikbar ifisser iktar hela ta' gebel, peress li *"... t-trinka li tinholoq fil-blat bl-operazzjoni tas-sega tkun usa, u ghalhekk jinhela hafna materjal bla bzonn."* Fil-fehma tal-qorti dan l-argument hu bla bazi meta tqis id-daqs tat-trinka li taghmel il-*blade* li qieghed juza l-attur (ara rapport addizzjonali). Hu stess qal li kien accetta snien b'daqs ta' 16mm. Id-diskrepanza bejn 16mm u 20mm hu insinifikanti.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell:**

1. **Thassar is-sentenza tad-19 ta' April, 2016.**

2. **Tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut u tichad it-talba tal-attur bl-ispejjez kollha kontra tieghu.**

(ft.) Anthony Ellul

Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb

D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur